



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.11.2011
KUMM(2011) 700 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-
annimali waqt it-trasport**

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport

1. INTRODUZZJONI

L-UE ilha għandha regoli dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport sa mill-1977¹. Ir-regoli għandhom l-għan li jeliminaw l-ostakli tekniċi għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u li jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-suq joperaw mingħajr xkiel, u dan filwaqt li jiżguraw livell tajjeb ta' ħarsien għall-annimali kkonċernati.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE ġiet aġġornata l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport² (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament"), li kien adottat fit-22 ta' Diċembru 2004. L-Artikolu 32 tar-Regolament jgħid li *"il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-benessri tal-annimali li jiġu trasportati u l-flussi ta' kummerċ f'Komunità mkabbra. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jqis evidenza xjentifika dwar il-bżonnijiet ta' benesseri tal-animall, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tas-sistema ta' navigazzjoni (...) kif ukoll tal-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi ta' dan ir-Regolament, inklużi aspetti reġjonali"*. Dan ir-rapport huwa t-tweġiba tal-Kummissjoni għal din it-talba.

Dan ir-rapport għandu l-għan li jgħid fiex inhi s-sitwazzjoni rigward l-impatt tar-Regolament dwar il-benessri tal-annimali u l-kummerċ fl-Unjoni; l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi u reġjonali tiegħu kif ukoll l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' navigazzjoni, kif mitlub fil-punt 4.3 tal-Kapitolu VI tal-Anness I tar-Regolament. Barra minn hekk, ir-rapport jinkludi informazzjoni b'rabta mal-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Dan ir-Regolament japplika għat-trasport tal-vertebrati li jinġarru b'rabta ma' attività ekonomika. Madankollu, minħabba li d-dettalji tar-Regolament jikkonċernaw l-aktar lill-annimali mrobbija bħalma huma l-baqar, il-ħnieżer u ż-żwiemel, il-kontenut ta' dan ir-rapport jiffoka primarjament fuq it-trasport ta' dawn l-annimali. Ma jqisx it-trasport ta' spċejjiet oħra, bħalma huma l-klieb u l-qtates, it-tjur, annimali li jinżammu għal skopijiet xjentifiċi, u spċi eżotiċi.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 77/489/KEE tat-18 ta' Lulju 1977 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport internazzjonali; ĠU L 200, 8.8.1977, p. 10-16.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-ħarsien tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1

Problemi speċifiċi u azzjonijiet li jikkonċernaw it-trasport tal-ħut - identifikati skont l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea³ - għandhom jiġu eżaminati wkoll fil-kuntest tar-rapport preżenti.

Fl-aħħar ta' dan ir-Rapport hawn glossarju ta' termini tekniċi.

³ COM (2009) 162 finali.

2. L-IMPATT TAR-REGOLAMENT

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 daħal fis-seħħ f'Jannar 2005 u beda japplika fil-5 ta' Jannar 2007. Biex ikun stabbilit jekk l-adozzjoni tar-Regolament kellhiex impatt fuq il-fatturi li ssemwew fil-Kapitolu 1 (il-kummerç, il-benessri tal-annimali, eċċ.) — u jekk iva, biex jiġi stabbilit d-daqs ta' dan l-impatt — tqabblat id-dejta ta' qabel u ta' wara l-applikazzjoni tar-Regolament (2007)⁴. Barra mid-dejta interna tal-Kummissjoni, is-sorsi ewlenin ta' informazzjoni għal dan ir-rapport huma kif ġej:

- Is-*"Scientific Opinion Concerning the Welfare of Animals during Transport"*, adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) f'Diċembru 2010⁵.
- Ir-rapporti uffiċjali dwar l-ispezzjonijiet, maħruġa mill-Istati Membri⁶.
- Informazzjoni uffiċjali mogħtija mill-partijiet interessati fl-UE.
- Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq⁷.
- Informazzjoni miġbura minn ilmenti formali u minn proċedimenti marbuta mal-ksur.

Fl-2010, il-Kummissjoni kkummissjonat studju estern biex teżamina l-impatt tar-Regolament⁸. Ir-rapport finali tal-istudju, inkluż l-ambitu u l-limitazzjonijiet tal-istudju, huwa ppubblikat fil-websajt tal-Kummissjoni¹⁰.

Is-sejbiet tal-istudju iu l-informazzjoni li daħlet mis-sorsi elenkati hawn fuq ġew il-koll analizzati biex ikunu identifikati x-xejriet u l-impatti ġenerali li rriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament fl-2007¹¹ u b'mod partikolari dan li ġej:

- (1) L-impatt tal-kummerç fl-Unjoni ta' annimali ħajjin;
- (2) L-implikazzjonijiet reġjonali u soċjoekonomiċi tar-Regolament;
- (3) Tqabbil tal-kwlaita tal-benessri tal-annimali waqt it-trasport qabel u wara l-applikazzjoni tar-Regolament;
- (4) Il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament li tqis l-opinjoni xjentifika adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel f'Diċembru 2010.

⁴ Il-Bulgarija u r-Rumanija daħlu fl-UE fl-2007. Skont l-Eurostat, dawn l-Istati Membri jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 2,5% tal-produzzjoni totali tal-laħam fl-UE u l-impatt ta' dan it-tkabbir fuq it-trasport fl-Unjoni tal-annimali ħajjin għajr iż-żwiemel, għaldaqstant, f'dan ir-rapport, tqies bħala minuri. EFSA Journal 2011; 9(1):1966 [125 pp.].

⁵ Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament, kull sena l-Istati Membri jressqu rapport dwar l-ispezzjonijiet tagħhom b'rabta mar-Regolament.

⁶ COM (2009) 225 Rapport finali mill-Kummissjoni, Analiżi tal-penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq, kif stipulat fil-leġislażzjoni tal-Istati Membri.

⁷ Studju dwar l-impatt tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport, SANCO/2010/D5/116733.

⁸ <http://www.ibf.be/animalstransport/>

⁹ http://ec.europa.eu/food/animal/welfare/index_en.htm

¹⁰ Ir-Regolament, għajr għall-Artikolu 6(5), japplika mill-5 ta' Jannar 2007, cf. l-Artikolu 37 tar-Regolament.

- (5) Analiżi tal-użu tas-sistemi ta' navigazzjoni.
- (6) Il-livell ta' konformità u ta' infurzar.

Tista' ssib deskrizzjoni aktar dettaljata tal-punti elenkati hawn fuq fis-subkapitoli li ġejjin; 2.1 – 2.6.

2.1. L-impatt tal-kummerċ fl-Unjoni ta' annimali ħajjin

Kull sena jiġi trasportat għadd kbir ta' annimali ħajjin bejn l-Istati Membri, kif ukoll minn u lejn pajjiżi terzi¹². Jeżistu bosta raġunijiet għal dan il-kummerċ u x-xejriet kummerċjali baqgħu l-istess anki wara l-applikazzjoni tar-Regolament u tat-tkabbir tal-UE tal-2007¹³. Iċ-ċaqliq tal-annimali fl-Istati Membri mhux suġġett għal dikjarazzjoni mandatorja, u għaldaqstant ma teżisti ebda dejta dwar l-għadd totali ta' annimali trasportati bejn l-Istati Membri individwali tal-UE.

Id-dejta dwar il-kummerċ fl-Unjoni u l-importazzjoni minn u lejn l-UE ta' annimali ħajjin turi li l-għadd totali ta' annimali ħajjin ittrasportati fl-2005 u fl-2009 kien kważi l-istess. Madankollu, jeżistu xi differenzi bejn l-ispeċi kif jidher fit-**Tabella 1**, u b'mod partikolari l-għadd ta' żwiemel trasportati għal aktar minn 24 siegħa naqas b'mod sinifikanti filwaqt li l-għadd ta' ħnieżer trasportati żdied b'70 % tul l-istess perjodu. Ir-raġunijiet għal dawn il-bidliet ma ġewx analizzati fil-qafas ta' dan ir-rapport u għalhekk ma ġiet stabbilita ebda konklużjoni b'saħħitha.

Tabella 1: L-għadd totali ta' annimali ħajjin (kummerċ fl-Unjoni u importazzjoni minn u lejn l-UE) skont l-ispeċi, għall-2005 u l-2009.

Sors: Ir-rapport estern (skont id-dejta minn Traces)

		2005	2007	2009	bidla f% 2005 - 2009
Baqar	Total	3 973 008	4,222 859	4 299 255	+ 8 %
Ħnieżer	Total	16 438 637	21,696 563	27,802 500	+ 70 %
Nagħaġ	Total	4 209 196	9,112 233	4 335 078	+ 3 %
Żwiemel	Total	176 348	224 449	147 122	- 17 %
Żwiemel	> 24 h	58 224	67 739	39 371	- 33 %

L-analiżi tad-dejta dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-movimenti tas-suq ipprovduta mir-rapport estern ikkonfermat li waħda mir-raġunijiet ewlenin li tispjega dan il-kummerċ għadha dik li jkunu sfruttati d-differenzi kbar fil-prezzijiet bejn l-Istati Membri. L-ispiża tal-għalf hija waħda mill-aktar spejjeż importanti fil-produzzjoni tal-annimali, u din l-ispiża tvarja bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Barra minn dan, kapaċità limitata ta' qtil u pproċessar f'xi Stati Membri, flimkien mal-fatt li l-produzzjoni reġjonali tal-laħam fl-UE mhix livell mal-konsum reġjonali, tista' tinkoraġġixxi wkoll il-kummerċ fl-Unjoni ta' annimali ħajjin. Madankollu, wieħed

¹² Skont ir-rapport estern, fl-2009 ġew trasportati bejn wieħed u ieħor 37 miljun animal ħaj, bejn baqar, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż u żwiemel fl-Istati Membri u minn u lejn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, fl-istess sena kienu ttrasportati 'l fuq minn biljun tajra.

¹³ Il-Bulgarija u r-Rumanija daħlu fl-UE fl-2007.

irid jagħti importanza lill-fatt li t-trasport fl-Unjoni ta' annimali ħajjin isir biss bejn fit Stati Membri. Seba' Stati Membri¹⁴ jammontaw għal 60 % tal-kummerċ tal-baqar fl-Unjoni u kważi 70 % tal-ħnieżer huma ttrasportati nid-Danimarka jew mill-Pajjiżi l-Baxxi filwaqt li l-Ġermanja tilqa' 'l fuq minn 50 % tal-ħnieżer kollha ttrasportati.

Bejn l-2005 u l-2009 kien hemm żieda fl-għadd totali ta' konsenji ta' annimali ħajjin għall-importazzjoni/esportazzjoni u għall-kummerċ fl-Unjoni. L-għadd ta' konsenji kemm għat-trasport fit-tul u kemm għal dak f'distanzi qosra kiber tul dan il-perjodu filwaqt li l-għadd ta' dawk li jieħdu verament fit-tul, li jirrikjedu l-ħatt tal-annimali u 24 siegħa ta' mistrieħ għalihom qabel jitkompla l-vjaġġ, baqa' kważi l-istess. Kif jidher fit-**Tabella 2**, bejn 65 % u 70 % tat-trasportazzjoni transkonfinali tal-annimali tikkonsisti fi vjaġġi qosra. Bejn 25 u 30 % tal-konsenji jkopru distanzi twal filwaqt l-vjaġġi verament twal jammontaw għal 5 %. Dawk il-proporzjonijiet baqgħu bejn wieħed u ieħor l-istess meta jitqabblu s-snin 2005 u 2009. Ta' min jagħti importanza lill-fatt li għalkemm it-total tal-kummerċ fl-Unjoni ta' annimali ħajjin ma kienx affettwat mill-introduzzjoni tar-Regolament, ma sar ebda studju fid-dettall biex iqis il-possibbiltà ta' impatt fuq l-Istati Membri individwali.

Ta' min jagħti jara wkoll li skont din id-dejta, għadd ta' konsenji jidhru li ġew twasslu mingħajr indikazzjonijiet speċifiċi tal-ħin li jkun ħa l-vjaġġ u li dan in-numri żdied b'ħames darbiet aktar (meta mqabbel mal-għadd totali ta' konsenji) meta jitqabblu s-snin 2005 u 2009.

Tabella 2: L-għadd ta' konsenji ta' annimali hajjin¹⁵ (kummerċ fl-Unjoni u importazzjoni mill-UE-27 jew lejha) fl-2005 u l-2009 skont kemm ħa ħin il-vjaġġ.

Sors: Ir-rapport estern (skont id-dejta minn Traces)

	2005	% ta' konsenji	2009	% ta' konsenji	differenza f' % 2005 – 2009
Total	315 237	100 %	399 988	100 %	+ 27 %
Ħin meħud għall-vjaġġ					
<8 sigħat	214 831	68 %	261 387	65,5 %	+ 21 %
8-19/24/29 sigħat	83 513	26,5 %	114 820	28,5 %	+ 37 %
>19/24/29 sigħat	15 731	5 %	16 619	4 %	+ 5 %
Il-ħin mhux disponibbli	1 162	< 0,5 %	7 162	< 2 %	

Kif jidher fit-**Tabella 3**, l-għadd ta' konsenji għat-trasport ta' żwiemel żdied b'31 % filwaqt li, fl-istess żmien, l-għadd ta' żwiemel trasportati naqas, kif jidher fit-**Tabella 1**. Dan jista' jkun effett tar-rekwiżit introdott mir-Regolament biex iż-żwiemel ittrasportati jkunu separati, li kellu jwassal għal tnaqqis fl-għadd medju ta' annimali li jiġu ttrasportati f'kull trakk. Madankollu, ma hemmx biżżejjed dejta biex tikkonferma din il-konklużjoni.

¹⁴ Il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Polonja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi u Spanja.

¹⁵ Baqar, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, tajr u żwiemel.

Tabella 3: L-għadd totali ta' konsenji (kummerç fl-Unjoni u importazzjoni minn u lejn l-UE) skont l-ispeċi, għall-2005 u l-2009.

Sors: Ir-rapport estern (skont id-dejta minn Traces)

Speċi	2005	2009	differenza f%
Baqar	118 142	127 685	+ 8 %
Ħnieżer	85 336	125 889	+ 47,5 %
Żwiemel	29 740	38 930	+ 31 %

2.2. L-implikazzjonijiet reġjonali u soċjoekonomiċi tar-Regolament

Id-dejta tissuġġerixxi li r-Regolament ma kellu ebda impatt fuq it-trobbija tal-annimali fiż-żoni remoti, inkluż fir-reġjuni mbieghda¹⁶, tal-Unjoni Ewropea. F'ħafna miż-żoni remoti, il-produzzjoni tal-annimali għadha fl-istess livell bħal dak ta' qabel l-introduzzjoni tar-Regolament. Pereżempju, abbażi tad-dejta dwar il-popolazzjoni tan-nagħaġ f'ċerti reġjuni remoti tal-UE, bħalma huma l-Iskozja u Sqallija, ma nstabet ebda varjazzjoni fl-għadd ta' nagħaġ imrobbija meta jitqabblu s-snin 2005 u 2009.

Kif jidher fil-Kapitolu 2.1, ma kien hemm ebda bidla kbira fl-għadd ta' annimali ttrasportati bejn pajjiż u ieħor u għalhekk wieħed jista' jassumi li ma kien hemm ebda impatt fuq l-industrija. Madankollu, ir-Regolament kellu implikazzjonijiet ekonomiċi, l-aktar għall-kumpaniji tat-trasport. L-ispejjeż huma marbuta ma' miżuri amministrattivi u ma' investimenti biex isir xogħol ta' titjib fil-prestazzjoni tal-vetturi għal vjaġġi twal. (Deskrizzjoni dettaljata ta' dawk il-miżuri u l-ispejjeż relatati tidher fis-subkapitolu 2.2.1 u 2.2.2.) Jidher li l-kumpaniji tat-trasport ma setgħux jgħaddu dawn l-ispejjeż fuq atturi oħra fin-negozju tal-ikel. Wieħed jista' jassumi li dan ġara minħabba li s-settur tat-trasport tal-annimali huwa ferm kompetittiv. Il-prezzijiet tas-suq għat-trasport ta' animala ħajjin baqgħu kostanti jew saħansitra naqsu fil-perjodu bejn l-2005 u l-2009. Għaldaqstant, tnaqqsu l-marġini ta' profitt għall-kumpaniji tat-trasport. Kif ġie esplorat f'iktar dettall fil-Kapitolu 2.6.1, id-differenzi bejn l-Istati Membri fl-interpretazzjoni u l-infurzar tar-Regolament wasslu għal xi distorsjonijiet tas-suq. Meta nqisu dan flimkien mal-marġini ta' profitt aktar baxxi, wieħed jsita' jassumi li kien hemm impatt negattiv fuq in-negozji tat-trasport tal-annimali.

Filwaqt li għandha titqies iż-żieda fl-ispejjeż għall-industrija tat-trasport tal-annimali, għandha tingħata importanza lill-fatt li l-fatturi predominanti li għandhom impatt fuq l-ispejjeż għat-trasport tal-annimali, bħalma huma x-xiri ta' vetturi u l-ispejjeż tal-ħaddiema u l-fjuwil, mhumiex marbuta mar-Regolament. Hemm spejjeż, direttament marbuta mat-trasport tal-annimali, li huma imposti wkoll mil-leġiżlazzjoni dwar saħħet l-annimali, fosthom l-ispejjeż tat-tindif u d-diżinfettar tal-vetturi kif ukoll dawk marbuta ma' miżuri amministrattivi, li huma deskritti fis-subkapitolu 2.2.1.

¹⁶ Elenkati fl-Artikolu 349 TFUE (jiġifieri l-Gwadelup, il-Gukana Franċiża, il-Martinique, Réunion, Saint-Barthélemy, Saint-Martin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji).

Skont il-Grupp ta' Livell Għoli ta' Partijiet Interessati Indipendenti dwar il-Piżijiet Amministrattivi (il-Grupp ta' Livell Għoli)¹⁷, ir-Regolament ħoloq spejjeż amministrattivi sinifikanti¹⁸. Madankollu, skont ir-rapport estern, għall-biċċa l-kbira tal-ispeċi, iż-żieda fl-ispejjeż dovuta għar-Regolament hija ta' inqas minn 1 % tat-total tal-ispejjeż marbuta mat-trasport tal-annimali. Għat-trasport taż-żwiemel, li jirrappreżenta l-oġġla żieda fl-ispejjeż, il-kuntrattur stima li ż-żieda mhix aktar minn 3 % tat-total taż-żieda fl-ispejjeż.

2.2.1. L-ispejjeż li joriġinaw mir-rekwiżiti amministrattivi

Bħalma joħroġ mir-rapport estern, u kif jidher fit-**Tabella 4**, bejn Stat Membru u ieħor teżisti varjazzjoni kbira f'dak li huma spejjeż amministrattivi biex ikun hemm konformità mar-Regolament. Eżempju minnhom huwa l-ispiża mbassra biex jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet għat-trasportaturi¹⁹. Id-diskrepanza fir-rigward tal-ispejjeż amministrattivi mbassra, dovuti għar-Regolament, x'aktarx tista' tiġi spjegata bil-fatt li l-ispejjeż ikkalkulati mill-Grupp ta' Livell Għoli jidhru li jinkludu spejjeż oħra apparti dawk marbuta mar-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport²⁰, filwaqt li l-istima magħmula mill-kuntrattur tinkludi biss l-ispejjeż dovuti għal dan ir-Regolament.

Tabella 4: L-ispejjeż medji għall-amministrazzjoni. Sors: Ir-rapport estern²¹

Oġġett	Spejjeż amministrattivi (il-medja fl-UE)
Spejjeż li jsiru bejn wieħed u ieħor kull 5 snin²²	
L-approvazzjoni tal-vettura.	EUR 26 (bejn EUR 1,65 u EUR 30)
Il-ksib ta' awtorizzazzjoni għat-trasportaturi	EUR 515 (bejn EUR 33 u EUR 605)
Spejjeż għal kull merkanzija	
Spejjeż li jinkludu ż-żamma ta' rekords marbuta mal-vjaġġ u l-preżentazzjoni ta' dawn lill-awtorità kompetenti	EUR 22 (bejn EUR 1.37 u EUR 25.21)

¹⁷ Cf. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4063 tal-31 ta' Awwissu 2007 li twaqqaf Grupp ta' Livell Għoli ta' Partijiet Interessati Indipendenti dwar il-Piżijiet Amministrattivi.

¹⁸ "Żewġ sorsi informattivi mandatorji – "Drawing up and keeping available transport and planning information" u "Drawing up of a disinfection register" – wehldhom jammontaw għal EUR 1,6 biljun fi spejjeż amministrattivi, b'mod li jirrappreżentaw 30 % tat-total tal-ispiża amministrattiva riżultat tas-sorsi informattiv mandatorju tal-UE. It-tnejn li huma joriġinaw mir-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet oħra relatati", cf. L-Opinjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-piżijiet amministrattivi fil-qasam prijoritarju tas-sikurezza tal-ikel, l-4 ta' Marzu 2009, paġna 3.

¹⁹ Trasportatur irid iħallas EUR 605 fi Franza u EUR 33 fil-Bulgarija biex jikseb l-istess awtorizzazzjoni (18-il draba aktar).

²⁰ Eżempju minnhom huwa li fir-Regolament 1/2005 ma hemm ebda rekwiżit biex jinżamm reġistru tad-diżinfettar.

²¹ Is-sorsi tal-informazzjoni użati mill-IBF biex jistmaw l-impatti amministrattivi huma l-Eurostat u investigazzjoni magħmula mill-IBF.

²² Cf. L-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament.

Biex l-ispejjeż amministrattivi jonqsu, il-Grupp ta' Livell Għoli jirakkomanda "li nimxu lejn it-teknoloġija elettronika, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffaċilitaw il-ħajja tan-negozji billi jiffaċilitaw il-ħżin u l-komunikazzjoni tad-dejta li tintalab mill-amministrazzjonijiet"²³. Raġuni minnhom għaliex għandhom jiġu introdotti rekwiżiti għas-sistemi tan-navigazzjoni fir-Regolament kienet sewwasew biex l-industrija tat-trasport u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi marbuta mal-użu tar-rekords tal-vjaġġ. Madankollu, fil-prattika la l-industrija u lanqas l-awtorizzazzjonijiet ma jidhru li sfruttaw biżżejjed l-opportunitajiet biex jitnaqqas il-piż amministrattiv imwassal mis-sistemi tan-navigazzjoni, punt li se jkompli jiġi analizzat fil-Kapitolu 2.5. Kif diġà ssemma, jeżistu wkoll spejjeż amministrattivi riżultat tal-leġiżlazzjoni dwar saħħet l-annimali. Dawn jinkludu l-ispejjeż għat-twettiq tal-kontrolli ta' saħħet l-annimali kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni u n-notifika tal-movimenti tal-annimali għal finijiet ta' traċċabbiltà²⁴.

Il-possibbiltà li jkomplu jiġu integrati l-obbligi amministrattivi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar saħħet l-annimali u dwar il-benessri tal-annimali se tkompli tiġi diskussa anki tul ir-reviżjoni li għaddejjja bħalissa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar saħħet l-annimali²⁵.

2.2.2. *L-ispejjeż għall-aġġornament tal-vetturi*

Apparti l-ispejjeż amministrattivi, ir-Regolament introduċa spejjeż għall-aġġornament tal-vetturi. Fit-**Tabella 5** qed jingħata sommarju tal-ispejjeż ewlenin marbuta mal-aġġornament tal-vetturi. Dawn l-ispejjeż ukoll ivarjaw, jiddependi minn fatturi differenti. Skont ir-rapport estern, l-ispejjeż għall-installar tas-sistema ta' navigazzjoni satelittari jvarjaw bejn il-EUR 250 u s-EUR 6 000. Fil-kuntest ta' dan ir-rapport ma sar ebda studju fid-dettall tar-raġunijiet għal dawn id-differenzi. Madankollu, raġuni minnhom għal dawn id-differenzi jidher li hi li f'ċerti każi tiġi installata sistema ta' navigazzjoni iktar sofistikata minn dik mitluba f'dan ir-Regolament.

Tabella 5: Spejjeż għall-aġġornament ta' trakk bi trejler. Sors: Ir-rapport estern²⁶

Rekwiżit fir-Regolament	Stima tal-ispejjeż (il-medja fl-UE)
Saqaf insulat u mezzi tax-xorb bit-tank	EUR 5 000
Sistema ta' navigazzjoni bis-satellita, inkluż is-sistema ta' monitoraġġ u ta' reġistrar tat-temperatura	EUR 3 800
Sistema ta' ventilazzjoni	EUR 2 300

²³ Opinjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fil-qasam prijoritarju tas-sigurtà alimentari, l-4 ta' Marzu 2009, paġna 3.

²⁴ TRACES – (TRAdE Control and Expert System), netwerk trans-Ewropew dwar is-saħħa veterinarja li jinnotifika, jiċ-ċertifika u jimmonitorja l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u l-kummerċ fl-Unjoni ta' annimali u ta' prodotti ġejjin minnhom.

²⁵ Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-annimali bħalissa qed tiġi riveduta u ċerti spejjeż għall-kontrolli u l-amministrazzjoni marbuta ma' din il-leġiżlazzjoni jistgħu jiġu riveduti.

²⁶ Il-kuntrattur uża s-sorsi li ġejjin ta' informazzjoni fir-rigward ta' dawn l-ispejjeż: Letteratura, studji speċifiċi, inkjesta tal-IBF, informazzjoni minn The European Livestock And Meat Trading Union (UECBV), Eurostat.

Total tal-ispejjeż għall-aġġornament tal-vetturi	EUR 11 900
---	-------------------

2.3. Tqabbil tal-kwalità tal-benessri tal-annimali waqt it-trasport qabel u wara l-applikazzjoni tar-Regolament

Għalkemm ma jistgħux ikunu stabbiliti konklużjonijiet ċerti, id-dejta disponibbli tindika li mill-2005 il-kwalità ġenerali tat-trasport tal-annimali tul vjaġġi twal tgiebet, l-aktar minħabba l-kwalità aħjar tal-vetturi u l-maniġġ aktar bil-galbu tal-annimali. Dan tal-aħħar jidher li hu r-riżultat tal-implimentazzjoni xierqa ta' obbligi aktar stretti b'rabta mat-taħriġ tal-istaff li jimmaniġġa l-annimali, li kienu introdotti bir-Regolament²⁷.

Id-dejta²⁸ li ssostni dawn il-konklużjonijiet turi wkoll li l-perċentwali ta' annimali ttrasportati li jispiċċaw jimxu ħażin, iwegġġu, jiddeitraw jew jeżawrixxu ruħhom naqas, inkella baqa' l-istess, bejn l-2006²⁹ u l-2009.

Fejn jidħlu l-annimali li jinstabu "mejtin mal-wasla", il-figuri naqsu b'mod sinifikanti mill-2005 sal-2009. Id-differenza kienet ikbar fil-każ tat-trasport fit-tul milli f'dak f'distanzi mhux fit-tul. Kien hemm ukoll tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' annimali li "kienu osservati li mhumiex tajbin għall-ivvjaġġar mal-wasla fid-destinazzjoni".

Anki jekk il-benessri ġenerali tal-annimali tgiebet wara l-introduzzjoni tar-Regolament, l-informazzjoni disponibbli turi li għad hemm problemi serji marbuta mal-benessri tal-annimali waqt it-trasport. Ħafna minn dawn il-problemi jidhru li huma relatati ma' nuqqasijiet fil-konformità ta' xi rekwiżiti tar-Regolament. Dawn il-kwistjonijiet huma diskussi f'aktar dettall fil-Kapitolu 2.6.

2.4. Il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament li tqis l-opinjoni xjentifika adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel f'Diċembru 2010

B'mod ġenerali, ir-Regolament hu msejjes fuq opinjoni xjentifika dwar il-benessri tal-annimali waqt it-trasport, adottata mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali fil-11 ta' Marzu 2002. Madankollu, id-dispożizzjonijiet fir-Regolament li japplikaw għall-ħin tal-ivvjaġġar, il-ħin ta' mistrieħ u l-allokkazzjonijiet tal-ispazju ttieħdu mid-Direttiva preċedenti³⁰. Fl-2010, sabiex tasliha evidenza xjentifika aġġornata u biex tfassal dan ir-rapport, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) biex tgħaddilha opinjoni xjentifika dwar il-benessri tal-annimali tul it-trasport.

L-opinjoni tal-EFSA ġiet adottata fit-2 ta' Diċembru 2010³¹. Fil-konklużjonijiet tal-opinjoni, ix-xjenzati jirrikonoxxu li partijiet mir-Regolament attwali ma jirriflettux l-

²⁷ Skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament.

²⁸ Skont kwestjonarju żviluppat mill-kuntrattur. Dawk li wieġbu l-kwestjonarju huma l-bdiewa, il-biċċeriji, il-kumpaniji tal-kummerċ u tat-trasport, is-sidien tal-bini tal-kontrolli, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-gruppi għall-benessri tal-annimali u x-xjenzati li jaħdmu fil-qasam tat-trasport tal-annimali ħajjin.

²⁹ Id-dejta miġbura mill-kuntrattur fuq din il-kwistjoni ma tinkludix informazzjoni mill-2005.

³⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE; ĠU L 340, 11.12.1991, p. 17.

³¹ Is-"Scientific Opinion Concerning the Welfare of Animals during Transport", adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) f'Diċembru 2010, EFSA Journal 2011;9(1):1966 [125 pp.].

għarfien xjentifiku tal-preżent, u jitfgħu dawl fuq oqsma speċifiċi fejn hija rrakkomandata riċerka fil-ġejjieni.

B'mod partikulari, ix-xjenzati jirrakkomandaw li l-ħin tal-ivvjaġġar taż-żwiemel għall-qatla għandu jkun iqsar minn dak ipprovdut fir-Regolament. Fejn jidħlu speċi oħra, u partikolarment in-nagħaġ, ix-xjenzati sabu li f'kundizzjonijiet ta' trasport verament tajbin rigward id-densità tat-tagħbija, it-tiben, l-għalf, l-ilma u l-ventilazzjoni, il-benessri tal-annimal jiddependi aktar fuq il-kwalità tas-sewqan milli fuq il-ġin tal-ivvjaġġar.

Dak li ħareġ mill-opinjoni jissuġġerixxi li l-allokkazzjonijiet tal-ispazju stipulati mir-Regolament iridu jergħu jiġu kkalkulati, u dan permezz ta' formola li tqis id-daqs tal-annimali b'paragun mal-piż tagħhom. Barra minn dan, skont l-opinjoni, ikun loku li jkunu definiti rekwiżiti speċifiċi għal ċerti elementi tal-leġiżlazzjoni bħalma hu l-għoli intern tal-kompartimenti fil-vetturi tat-triq.

2.5. Analiżi tal-użu tas-sistemi ta' navigazzjoni

Ir-Regolament introduċ rekwiżit għal vetturi approvati għal vjaġġi twal biex jitgħammru b'sistema ta' navigazzjoni. Meta kien qed jadotta dan ir-rekwiżit partikulari, il-Kunsill ta l-mandat lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi dettaljata u speċifika tal-implimentazzjoni ta' din it-teknoloġija l-ġdida. B'mod partikulari l-intenzjoni kienet li tittejjeb il-kwalità tal-kontrolli fuq il-ġinijiet tal-ivvjaġġar u l-perjodi ta' mistrieħ, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Il-leġiżlazzjoni tirrikjedi li s-sistema tirreġistra l-informazzjoni li ġejja; isem it-trasportatur u n-numru tal-awtorizzazzjoni; il-ftuħ/l-għeluq tal-bieba tat-tagħbija u l-ġin u l-post tat-tluq u tad-destinazzjoni. Id-dejta reġistrata għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti kull meta tintalab.

Hemm iinformazzjoni disponibbli³² tindika li minkejja li r-Regolament ilu japplika iktar minn erba' snin, xorta għad hemm differenzi importanti bejn l-Istati Membri fejn tidħol l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti marbuta mas-sistemi ta' navigazzjoni. Bosta Stati Membri għad ma għandhomx approċċ komprensiv dwar kif jittestjaw jekk is-sistemi installati humiex konformi mar-Regolament, u għadd żgħir ta' awtoritajiet tal-kontroll jużaw id-dejta miġbura permezz tas-sistema ta' navigazzjoni biex jagħmlu l-kontrolli tagħhom skont ir-Regolament. F'bosta każijiet, id-dejta titqies biss wara li l-awtorità kompetenti tkun sabet ksur matul xi kontroll fiżiku qabel jew waqt it-trasport jew fil-post destinatarju. Għalhekk qed jiġi konkluż li s-sistemi ta' navigazzjoni mhumiex użati f'sens wiesa' b'mod li jitjiebu l-kontrolli.

2.6. Il-livell ta' konformità u ta' infurzar

L-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-infurzar tar-Regolament. Is-servizz ta' spezzjoni tal-Kummissjoni tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsuamturi (FVO, l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju), li jinsab Grange, l-Irlanda, jagħmel kontrolli fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Ir-rapporti³³ minn dawn il-kontrolli huma s-sors ewlieni ta' informazzjoni għall-ewalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-qagħda tal-infurzar fl-UE.

³² Primarjament imsejsa fuq sħarriġ fost l-Istati Membri, organizzat mill-Kummissjoni tul l-ewwel semestru tal-2011; SANCO D5 AN/oj (2011)441562.

³³ Ir-rapporti mill-kontrolli mwettqa mill-FVO huma ppublikati f' http://ec.europa.eu/food/fvo/ir_search_en.cfm

Barra minn dan, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament, l-Istati Membri iridu jressqu rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tagħhom marbuta mal-ispezzjonijiet kif ukoll informazzjoni dwar liema azzjonijiet ikunu se jieħdu biex jindirizzaw in-nuqqasijiet prinċipali. Bi ftehim ma' kull Stat Membru individwali, dawn ir-rapporti jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Kummissjoni³⁴.

Ir-rapporti mill-FVO u mill-Istati Membri l-oħra juru li l-livell ta' infurzar ivarja b'mod sinifikanti bejn Stat Membru u ieħor. Dan hu rifless ukoll fl-informazzjoni miġbura minn bosta organizzazzjonijiet tal-benessri tal-annimali³⁵ u mressqa lill-Kummissjoni permezz ta' rapporti uffiċjali. Fil-Kapitli li ġejjin hawn deskritti xi wħud min-nuqqasijiet u mill-problemi ewlenin li jitfgħu dawl fuqhom dawn ir-rapporti.

2.6.1. *Id-distorsjonijiet tas-suq u diffikultajiet oħrajn għall-opertauri dovuti għad-differenzi fl-interpretazzjoni u l-infurzar*

L-informazzjoni disponibbli tikkonferma li jeżistu differenzi sinifikanti fil-mod kif l-Istati Membri jinterpretaw uħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Il-Kummissjoni ta' spiss tintervjeni biex tikkjarifika ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament u biex tipprovi gwida għalihom. Filwaqt li r-Regolament japplika għat-tarsport tal-annimali vertebrati kollha ħajjin, bosta mir-regoli dettaljati jirreferu għall-annimali mrobbija. Għat-trasport ta' annimali li jaqgħu f'kategoriji oħra ta' annimali, partikolarment il-ħut tal-farms kif identifikat skont l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea³⁶, l-implimentazzjoni tar-Regolament għaldaqstant iltaqgħet ma' xi diffikultajiet.

L-interpretazzjonijiet diverġenti tar-regoli jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet tas-suq li, meta kkumbinati ma' marġini idjaq ta' profitt u ma' spejjeż amministrattivi differenti, jistgħu jwasslu lil operatur ta' trasport f'sitwazzjoni diffiċli. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' saħħa fl-infurzar, jista' jpoġġi lil dawk it-trasportaturi li jikkonformaw mar-Regolament fi żvantaġġ. Għaldaqstant huwa importanti li jkun żgurat l-istess trattament għall-operaturi kollha.

2.6.2. *Nuqqasijiet fil-konformità u infurzar mhux adegwat iwasslu għal livell baxx f'dak li hu benessri tal-annimali*

Filwaqt li tingħaraf l-importanza ta' trattament ekwu għall-operaturi, ir-riskju ewlieni assoċjat ma' nuqqasijiet fil-konformità u ma' infurzar mhux adegwat huwa dak li jiġu kompromessi il-bżonnijiet marbuta mal-benessri tal-annimali.

In-nuqqas ta' infurzar u ta' rispett tar-rekwiżiti legali jista' jkollu impatt negattiv qalil fuq il-benessri tal-annimali, u l-informazzjoni li hi disponibbli tixhed li jeżistu xi eżempji rikorrenti ta' nuqqasijiet fil-konformità, fosthom:

- (1) it-trasport ta' annimali mhumiex f'saħħithom;
- (2) tagħbija esaġerata fil-vetturi;

³⁴ http://ec.europa.eu/food/animal/welfare/transport/inspections_reports_reg_1_2005_en.htm

³⁵ Bħalma huma l-Eurogroup For Animals; l-Animal Angels; il-Compassion in World Farming; u l-Eyes on Animals.

³⁶ COM (2009) 162 finali.

- (3) trasport ta' annimali f'vetturi fejn l-għoli intern tal-kompartimenti mhux adegwat;
- (4) annimali li ma jingħatawx biżżejjed ilma waqt il-vjaġġ, u
- (5) annimali li jiġu ttrasportati aktar mill-massimu ta' ħin ta' vjaġġar awtorizzat.

Sikwit, in-nuqqasijiet fil-konformità jkunu relatati ma' infurzar mhux adegwat. Pereżempju, skont ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti huma responsabbli għall-iċċekkjar u l-approvazzjoni tar-rekords tal-ivvjaġġar qabel vjaġġi fit-tul, u dan sabiex jiżguraw li huma realistiċi u li jindikaw konformità mar-Regolament. Madankollu, f'bosta okkażjonijiet kienu approvati rekords tal-ivvjaġġar li ma kinux realistiċi. Xi rekords minn dawn jindikaw medja ta' veloċità ta' 'l fuq minn 100 km fis-siegħa sabiex jaslu fid-destinazzjoni kif indikata fir-rekords tal-vjaġġ, ħaġa li mhix realistika. Dan jista' jwassal għal vjaġġi li jdumu għadd ta' sigħat li jisboq sew il-limiti pprovduti fir-Regolament. Meta dan jiġri flimkien ma' nuqqas ta' spazju u nuqqas ta' ilma, ir-riżultat kien ta' dannu għal benessri tal-annimali.

Jekk ir-Regolament ikun ġie infurzat kif xieraq permezz tal-applikazzjoni rigoruża tar-rekwiżiti dwar l-ippjanar tal-vjaġġ u l-ħin tal-ivvjaġġar, l-impatt fuq il-benessri tal-annimali ikun ikbar minn kif indikat fil-Kapitolu 2.3.

L-analiżi ta' hawn fuq tindika ħtiġijiet u responsabbiltajiet speċifiċi u differenti għall-kontrolli fl-Istati Membri mnejn jintbagħtu l-annimali, u f'dawk li huma primarjament responsabbli għall-kontrolli waqt it-tranżitu jew fid-destinazzjoni.

2.6.3. *Penali u sanzjonijiet*

Il-kompetenza biex tittieħed deċiżjoni dwar il-penali għal individwi privati hija biss dik tal-Istati Membri. Dawn, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament, jistabbilixxu penali li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi, u jinnotifikaw informazzjoni dwar dawn il-penali lill-Kummissjoni.

L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri normalment tirreferi għall-kodiċi penali nazzjonali. Paragun dettaljat tal-livell ta' penali fl-Istati Membri għaldaqstant għandu jkun sinifikanti biss jekk relatat ma' ksur jew reat preċiż, u kemm-il darba jitqies fil-kuntest tal-gravità tal-ksur jew reat. Il-Kummissjoni ma għamlitx paraguni bħal dawn. Madankollu, stima bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli turi varjazzjonijiet sinifikanti meta niġu għal-livell tal-penali għall-ksur tar-Regolament fl-Unjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-kwistjoni tad-differenzi fil-penali mhix limitata għall-qasam tat-trasport tal-annimali, iżda tikkorelata ma' dak li jōhroġ mir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-ksur tar-regoli soċjali fit-trasport bit-triq³⁷. Fir-rapport il-Kummissjoni tanalizza penali bħal dawk applikati fil-każ ta' ksur tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-ġin massimu ta' sewqan, u dawk marbuta mat-takografu. Il-Kummissjoni qieset is-sitwazzjoni bħala waħda mhux sodisfaċenti u appellat lill-Istati Membri biex japplikaw ir-regoli b'mod iktar armonizzat, filwaqt li "...jqisu l-

³⁷ COM (2009) 225 Rapport finali mill-Kummissjoni, Analiżi tal-penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq, kif stipulat fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri.

limiti tal-kompetenza li l-Istati Membri u l-leġiżlaturi ddeċidew li jagħtu lill-Kummissjoni."

3. KONKLUŻJONI

Abbażi tal-informazzjoni mressqa fir-rapport, rigward il-kwistjonijiet deskritti u analizzati fil-Kapitolu 2 tar-rapport, wieħed jista' jasal għal dawn il-konklużjonijiet ewlenin:

- (6) Ir-Regolament kellu impatti pżittivi fuq il-benessri tal-annimali waqt it-trasport.
- (7) Ir-Regolament introduċa r-rekwiżit għal vetturi approvati għal vjaġġi fit-tul biex jitgħammru b'sistemi ta' navigazzjoni. Madankollu, jidher li mhux qed jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-sistemi b'mod li jonqos il-piż amministrattiv għall-industrija jew biex jitjiebu l-kontrolli uffiċjali.
- (8) Skont id-dejta disponibbli, ir-Regolament ma kellux impatt fuq il-volum ta' kummerċ fl-Unjoni ta' annimali ħajjin.
- (9) Ir-Regolament jidher li ma pprovoka ebda impatt fuq il-produzzjoni tal-annimali fir-reġjuni mbiegħda. L-introduzzjoni tar-Regolament wassal għal żieda fl-ispejjeż tat-trasport iżda, x'aktarx minħabba l-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport, din iż-żieda ma tqassmitx b'mod ekwu fil-katina elementari u l-ispejjeż żejda qegħdin jaqgħu l-aktar fuq l-operaturi tat-trasport.
- (10) Skont l-opinjoni tal-EFSA³⁸, jidher li partijiet mir-Regolament ma jirriflettux kompletament l-għarfien xjentifiku tal-lum.
- (11) L-infurzar tar-Regolament jibqa' sfida ewlenija, kemm minħabba fid-differenzi fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti u kemm sforz in-nuqqas ta' kontrolli mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-kwalità tad-dejta ta' monitoraġġ, imressqa lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, sikwit mhix biżżejjed biex issir analiżi ċara tas-sitwazzjoni u biex ikunu jistgħu jiġu ppjanati miżuri korrettivi speċifiċi fil-livell tal-UE.

Kif issemma hawn fuq, ir-Regolament kellu impatt pożittiv fuq il-benessri tal-annimali waqt it-trasport. Madankollu, jidher li għad hemm lok għal titjib. Dan jista' jinkiseb permezz ta' azzjonijiet differenti u għandu jkun enfasizzat li għall-biċċa l-kbira tal-annimali li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament, il-Kummissjoni ma tqisx li l-emendar huwa l-aktar approċċ xieraq biex ikunu indirizzati l-problemi identifikati. Sitwazzjoni legali soda tippermetti lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati jiffukaw fuq l-infurzar f'kuntest legali stabbli. Fir-rigward tal-qabża bejn ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni u l-evidenza xjentifika disponibbli, il-Kummissjoni tqis li, għalissa, din l-aħjar tiġi indirizzata billi jiġu adottati l-gwidi għal prassi tajba.

Fejn jidħol il-ħut ħaj, il-Kummissjoni se tniedi studju dwar il-benessri tal-ħut waqt it-trasport, u dan bil-għan li jkun stabbilit li tkun saret tajba r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament biex titjieb iċ-ċarezza tal-qafas legali dwar it-

³⁸ EFSA Journal 2011; 9(1):1966 [125 pp.].

trasport tal-ħut ħaj għall-operaturi tal-akkwakultura, skont l-Istrateġija dwar l-Akkwakultura tal-Kummissjoni.

Biex jiġu kkoreġuti l-problemi identifikati, l-infurzar adegwat tar-regoli eżistenti għandu jibqa' l-prijorità. Għal dan il-għan, fil-jiem li ġejjin il-Kummissjoni se tikkunsidra l-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) L-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni rigward is-sistemi ta' navigazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 6(9) tar-Regolament, u tistabbilixxi verżjoni simplifikata tar-rekords tal-vjaġġ, u dan skont il-punt 8 tal-Anness II tar-Regolament. Barra minn hekk, f'koperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Superviżorja GNSS Ewropea (GSA)³⁹, għandu jkun żgurat li x-xufiera jkunu infurmati dwar kif isir l-aħjar użu mill-mezz.

Objettiv: Li titjeb l-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolament, kif ukoll li jitjeb il-benessri tal-annimali, permezz ta' possibbiltajiet iktar għall-ikkontrollar tal-ħinijiet tal-vjaġġ, l-allokkazzjoni tal-ispazju, eċċ. tat-trasport tal-annimali. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għal inqas piż amministrattiv għat-trasportaturi, iżda tista' żżid il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Madankollu, dan għandu jwassal biex il-leġiżlazzjoni tat-trasport tal-annimali tkun infurzata b'mod aħjar.

- (b) L-adozzjoni ta' miżuri implimentattivi rigward il-kontrolli li jridu jsiru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament. Fl-istess waqt, trid tkompli tiġi armonizzata l-istruttura tas-sistema ta' rappurtar.

Għan: Żieda fl-għadd ta' spezzjonijiet, fejn meħtieġa, għandhom iwasslu għal infurzar aħjar. L-informazzjoni li waslet mir-rapporti tal-Istati Membri għandhom jipprovdu dejta aqwa u waħda aktar komparabbli meta msejsa fuq l-istess struttura, u b'hekk toffri informazzjoni aktar utli għall-FVO meta jwettaq il-kontrolli fl-Istati Membri.

- (c) Il-Kummissjoni se tniedi studju dwar il-benessri tal-ħut waqt it-trasport. Il-ħidma attwali biex jitnieda studju dwar il-benessri tal-ħut waqt l-istunning għandha tkompli.

Objettiv: Li tingħata dehra ġenerali tal-qagħda attwali dwar il-benessri tal-ħut waqt it-trasport, bil-għan li jkunu identifikati u indirizzati n-nuqqasijiet li jista' jkun hemm fil-qafas legali tal-UE f'dan il-kuntest, skont l-impenji meħuda fl-Istrateġija dwar l-Akkwakultura tal-Kummissjoni.

- (d) Aktar koperazzjoni u komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, inklużi l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi dwar il-benessri tal-annimali. Il-punti ta' kuntatt għar-Regolament⁴⁰, u l-gruppi ta' ħidma eżistenti bħalma hu l-Grupp Konsultattiv

³⁹

<http://www.gsa.europa.eu/>

⁴⁰

Punti ta' kuntatt għall-fini tar-Regolament ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament.

dwar il-Katina Alimentari s-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti⁴¹, jistgħu jintużaw għal dan il-għan..

Għan: Il-ġbir u l-analizzar ta' informazzjoni dwar id-diffikultajiet u l-iskambju ta' esperjenzi dwar soluzzjonijiet possibbli marbuta mal-implimentazzjoni tar-Regolament.

- (e) Id-disseminazzjoni tal-gwida tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament u sostenn lill-iżvilupp ta' gwidi għall-prassi tajba, kif previst fl-Artikolu 29 tar-Regolament. Il-gwidi jkunu jistgħu jiffukaw fuq aspetti differenti tal-amminsitrazzjoni ta' kuljum li jistgħu jgħolqu diffikultajiet u għandhom jinkoraġġixxu prassi tajba li tqis l-aktar għarfien xjentifiku riċenti.

Objettiv: Li jiġu koperti xi wħud mill-ambigwitajiet u nuqqasijiet fl-effiċjenza fil-leġiżlazzjoni attwali dwar il-benessri tal-annimali u li titjeb l-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tar-regoli. Fl-istess waqt, dan jinkoraġġixxi lill-industrija u lil partijiet interessati oħrajn biex imorru lil hinn mill-istandards minimi li jassiguraw il-benessri tal-annimali li jiġu ttrasportati.

Abbażi tal-elementi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiddiskutu l-kwistjonijiet enfasizzati f'dan ir-Rapport.

⁴¹ Deskrizzjoni tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Katina Alimentari s-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti tinsab f'http://ec.europa.eu/food/committees/advisory/index_en.htm

GLOSSARJU TA' TERMINI TEKNIĊI UŻATI F'DAN IR-RAPPORT

Konsenja: Annimali tal-istess speċi, koperti mill-istess ċertifikat veterinarju, imwassla bl-istess mezz ta' trasport u fi grupp wieħed mill-istess post tat-tluq għall-istess post destinat.

Vjaġġ: L-operazzjoni sħiħa tat-trasport mill-post tat-tluq għall-post destinat, inkluż kull xogħol ta' ħatt, akkomodazzjoni u tagħbija f'punti intermedjarji fil-vjaġġ.

Trasport mhux fit-tul (f'distanzi qosra): Vjaġġ li ma jaqbiżx it-tmin sigħat.

Trasport fit-tul (f'distanzi twal): Vjaġġ li jaqbeż it-tmien sigħat iżda li hu iqsar mit-*Trasport vermanent fit-tul*.

Trasport verament fit-tul: Vjaġġ li jaqbeż id-19-il siegħa għal animal żgħar, 24 siegħa għaż-żwiemel u l-ħnieżer u 29 siegħa għall-baqar adulti (dekritti bħala 19/24/29 fit-test).

Kummerċ fl-Unjoni: Il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE.